**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 14 ta' Novembru 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 66

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 66 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
66.5 Rapporti;
66.6 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
66.7 Aġġornament dwar l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – ACC 49/17 dwar is-servizz t'*accountant* għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
66.8 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
66.9 Attività ta' bejgħ ta' laring u lotterija ta' presepju b'risq id-Dar tal-Providenza;
66.10 Kumitat għall-Aġġudikazzjoni ta' Ġieħ il-Qrendi 2018;
66.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
66.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-66 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:15pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

Qabel bdiet il-laqgħa, is-Sindku David Schembri ppropona li għandha tiġi osservata minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tas-Sindku taż-Żejtun Joe Attard li ħalliena ftit tal-jiem ilu, li dan anke serva bħala President tal-Kumitat Konġunt lura fis-snin, u President tal-GAL Xlokk fil-preżent.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 66.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

66.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 66.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

66.2.1 Il-Minuti tal-65 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

66.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

66.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

66.2.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li dwar Minuta 65.5.1 fl-aħħar Minuti, is-Sur Jurgen Xerri infurmah li ma jistax ikun membru ta' dan is-sottokumitat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

66.2.4.1 Qal li rridu nippruvaw insibu nies oħra li mhux biss jgħinu fis-sottokumitat imma anke lejlet u dakinhar tal-Festival Agrarju tal-Patata.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 66.3, 66.4 u 66.5 jiġu diskussi wara Minuta 66.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 66.6 **<u>AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>**

66.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent ninsabu fl-istadju t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa u spjega li wara li tlabna aktar informazzjoni lil min tefa' l-offerta, issa qegħdin nistennew rapport ġdid min-naħa tal-Perit inkarigat minn dan il-proġett, sabiex il-bord
66.6.2 t'aġġudikazzjoni jkun jista' jieħu deċiżjoni infurmata tajjeb.

Qal li jittama li sal-laqgħa li jmiss ikunu seħħew xi żviluppi dwar din l-aġġudikazzjoni sabiex minn kmieni s-sena d-dieħla jibda dan il-proġett tant mistenni.

## 66.7 **<u>AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – ACC 49/17 DWAR IS-SERVIZZ T'*ACCOUNTANT* GĦALL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>**

66.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017 għalqet is-sejħa għall-offerti għal *Accountant* ġdid fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

66.7.2 Qal li issa se nkunu qegħdin naġġudikaw dan it-tender u nittamaw li sal-laqgħa li jmiss ikollna xi deċiżjoni.

## 66.8 **<u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI</u>**

66.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kmajra lesta u bagħtna kollox għall-*compliance certificate* mill-Awtorità għall-Ippjanar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

66.8.2 Qal li qiegħed jittama li sal-aħħar tas-sena jkollna l-ATM taħdem.

## 66.9 ATTIVITÀ TA' BEJGĦ TA' LARINĠ U LOTTERIJA TA' PRESEPJU B'RISQ ID-DAR TAL-PROVIDENZA

66.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellna talba mingħand grupp tal-karozzi sabiex dawn jagħmlu esebizzjoni bihom, biss jidher li ma kienx hemm ftehim sewwa, għaliex dawn ħasbu li se nkunu qegħdin norganizzaw xi attività aħna u huma kienu biss se jipparteċipaw.

66.9.1.1 Qal li bħala Kunsill Lokali mhux se tkun possibbli li norganizzaw żewġ attivitajiet f'daqqa fl-istess xahar bħala lokal meta tqis li s-Soċjetà Filarmonika Lourdes se jorganizzaw villaġġ tal-Milied, u allura wasalna f'sitwazzjoni fejn irridu nagħżlu x'se nagħmlu.

66.9.1.2 Żied li jiddispjaċih li se jkollna naqtgħu attività barra, imma wieħed irid jifhem li minn dan ir-raħal nispiċċaw induru dejjem fuq l-istess nies.

66.9.2 Ippropona li naħdmu bħalma ħdimna fis-snin l-imgħoddija, u għalhekk għandna nbiegħu l-larinġ u nbiegħu l-biljetti għall-presepju.

66.9.2.1 Qal li l-flus li ndaħħlu ngħadduhom lid-Dar tal-Providenza fl-*Open Day* li ssir fl-1 ta' Jannar 2018.

66.9.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-proposta tas-Sindku, u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

66.9.2.3 Il-Kunsillieri qablu li se narmaw il-Hadd 10, 24 u 31 ta' Diċembru sabiex inbiegħu l-larġin u l-biljetti, mit-7:45am sal-11:15am.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 66.10 KUMITAT GĦALL-AĠĠUDIKAZZJONI TA' ĠIEĦ IL-QRENDI 2018

66.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li rridu naħtru kumitat t'aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2018.

66.10.1.1 Qal li rridu nsibu nies simili bħalma sibna s-sena li għaddiet u dawn ikunu jiffurmaw il-bord.

66.10.1.2 Ħeġġeġ sabiex għal-laqgħa li jmiss, kulħadd ikun kellem lil xi persuni sabiex jaraw jekk jaċċettawx li jiffurmaw parti minn dan il-bord, imbagħad il-bord ikun ikkonfermat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

66.10.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu qiegħed jipproponi jekk huwiex possibbli li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Ġieħ u Jum il-Qrendi 2018 għandhomx isiru f'ġurnata oħra minflok fis-17 u t-18 ta' Frar.

66.10.2.1 Is-Sindku wieġeb li din id-diskussjoni nistgħu nħalluha għal-laqgħa li jmiss.

## 66.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

66.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-applikazzjoni għall-unur EDEN, fejn qal li issa daħħalna l-applikazzjoni tagħna permezz ta' San Mattew tal-Maqluba, u issa rridu nistennew sabiex naraw jekk nirbħux jew le.

66.3.2 Is-Sindku tkellem dwar mixja simbolika li se ssir għada mill-istudenti u l-istaff taċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller madwar it-toroq tal-lokal.

66.3.2.1 F'din il-mixja se jkun qiegħed jieħu sehem il-Kunsill Lokali, kif ukoll xi studenti mill-Iskola Primarja u anke r-residenti huma kollha mistednin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

66.3.3 Is-Sindku tkellem dwar publikazzjoni ġdida dwar il-laqmijiet li kellna u li għad għandna fil-Qrendi.

66.3.3.1 Qal li din l-idea nibtet mill-Assistent Surmast tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, Sergio Grech, u l-Kunsill Lokali qiegħed jgħin f'din l-inizjattiva, kif ukoll hemm l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

66.3.3.2 Spjega kif it-tfal tal-iskola se jkunu parteċipi f'din il-pubblikazzjoni għaliex huma se jkunu qegħdin jiċċekkjaw man-nies tat-triq tagħhom, x'laqmijiet kienu jeżistu u għadhom jeżistu sal-lum il-ġurnata.

66.3.3.3 Fisser kif bħala Kunsill Lokali nistgħu nieħdu ħsieb il-publikazzjoni ta' dan il-ktejjeb li huwa maħsub li jiġi mniedi fis-serata ta' Ġieħ il-Qrendi, matul ix-xahar ta' Frar 2018.

66.3.3.4 Qal li se nkunu qegħdin naħdmu sabiex nippruvaw inġibu l-laqmijiet ukoll mingħand is-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna, għaliex probabbli, fil-listi li għandhom tas-soċji tal-passat, hemm imniżżlin ukoll il-laqmijiet tal-individwi.

*Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ħarġet mil-laqgħa fis-6:15pm minħabba raġunijiet ta' saħħa.*

66.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4.4 dwar ir-rikostruzzjoni u restawr tal-ħitan tas-sejjieħ.

66.3.4.1 Qal li bħala Kunsill Lokali għandna stima f'idejna ta' kważi €150,000 u bħala Kunsill Lokali rridu noħorġu 20% minnhom.

66.3.4.2 Spjega kif dawn l-20% nistgħu nġibuhom permezz ta' ko-finanzjament.

66.3.5 Is-Sindku tkellem dwar is-sistema tal-wi-fi fil-librerija lokali u qal li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

avolja bħala idea tidher li hija waħda tajba, is-servizz ta' wi-fi fil-librerija se jkun moħli.

66.3.5.1 Qal li dan il-wi-fi se jiġi jiswa madwar €500 kull sena u dan sabiex jintuża' għal massimu ta' għaxar sigħat fil-ġimgħa.

66.3.5.2 Spjega kif b'dan l-ammont ta' sigħat u l-flus li nkunu qegħdin inħallsu, mhux se nkunu qegħdin nieħdu l-massimu ta' dan il-wi-fi u allura ma nkunux qegħdin nieħdu l-valur kollu.

66.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li l-problemi qegħdin jikbru meta n-nies jinżlu minn fuq tal-linja.

66.3.6.1 Qal li bħala Kunsill Lokali se nerġgħu nagħmlu talba ma' Transport Malta biex isiru *zebra crossings* fi Triq it-Tempesta, kull fejn hemm il-*bus stops*.

66.3.6.2 Spjega kif jekk kemm-il darba jgħidulna li ma nistgħux minħabba li mhemmx bankina fuq iż-żewġ naħat, inġibu eżempju b'lokalitajiet oħra fejn hemm *zebra crossings* u hemm bankina biss fuq naħa waħda tat-triq.

66.3.6.3 Fisser kif barra minn hekk, irridu niġbdu l-attenzjoni ta' Transport Malta dwar is-sinjali tal-veloċità li kellhom isiru minnhom u sal-lum għadhom ma sarux.

66.3.7 Is-Sindku tkellem dwar Triq Nazzareno Sammut u qal li hemm min qiegħed jitlob sabiex isir sinjal isfar faċċata ta' garaxx.

66.3.7.1 Qal li malli jkollna d-dimensjonijiet kollha se nkunu qegħdin ngħadduhom lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

66.3.8 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon flimkien miegħu, kellhom mad-Direttur għall-Gvern Lokali Adrian Mifsud.

66.3.8.1 Qal li f'din il-laqgħa ddiskutew is-sitwazzjoni pendenti li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandu mal-*Cleansing Services Directorate*, li jmorru lura sas-sena 2011.

66.3.8.2 Spjega kif dawn il-pagamenti qegħdin jissemmew sena waħda wara l-oħra mill-awdituri fil-*Management Letter* u allura rridu nippruvaw insolvu dan il-każ malajr kemm jista' jkun.

66.3.8.3 Żied li d-Direttur għall-Gvern Lokali se jkun qiegħed jiltaqa' mad-Direttur tad-Direttorat għat-Tindif sabiex jiddiskutu din il-materja u jinfurmana b'dak li jirriżulta minn din il-laqgħa.

66.3.9 Is-Sindku tkellem dwar iffilmjar li sar fil-Ġnien tal-Kmand fl-aħħar ġimgħat.

66.3.9.1 Qal li kien hemm xi żgħażagħ studenti mill-Qrendi li qegħdin jużaw il-Ġnien tal-Kmand sabiex jiffilmjaw ċertu produzzjonijiet żgħar, kif ukoll fl-aħħar ġimgħat sar iffilmjar ukoll mill-istudenti u l-għalliema tal-Kulleġġ San Benedittu, bħala promozzjoni għall-pantomima li se jorganizzaw fil-jiem tal-Milied.

66.3.10 Is-Sindku tkellem dwar e-mail li rċevejna mingħand is-Sa Gabriella Agius, bit-titlu **Triq Massabielle**.

66.3.10.1 Qal li bħala Kunsill Lokali rridu niċċekkjaw kemm dan l-arblu msemmi qiegħed 'il bogħod mill-aħħar bozza u mir-residenza msemmija, għax jekk hemm inqas minn ħamsin metru huwa inutli li napprovaw din it-talba.

66.3.10.2 Żied li probabbli anke l-Enemalta ma jaċċettawx din it-talba minħabba li mhemmx ħafna distanza bejn bozza u oħra.

66.3.10.3 Fisser kif hu personalment ma jaqbilx li ssir din il-bozza u għaldaqstant propona li għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss, sabiex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans li jmur jiċċekkja b'għajnejh stess dwar din it-talba.

66.3.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din it-talba tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

66.3.11 Is-Sindku tkellem dwar e-mail li rċevejna mingħand is-Sur Leon Camilleri f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Karmelitani, bit-titlu **Attività**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Belvedere Wied iż-Żurrieq**.

66.3.11.1 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li lanqas meta kellna talba għal riċeviment ta' tieġ m'aċċettajna, aħseb u ara kemm għandna naċċettaw talba biex isir *party* kbir għaż-żgħażagħ.

66.3.11.2 Is-Sindku qal li hemmhekk huwa sit ta' Natura 2000, kif ukoll jiġi eżatt mal-kosta u żgur li jkollna l-oġġezzjonijiet mingħand l-awtoritajiet minħabba l-volum tal-mużika u l-qawwa tad-dawl li jintuża'.

66.3.11.3 Żied li barra minn hekk, mhemmx biżżejjed miżuri ta' sigurtà u nistgħu nissugraw li jinqala' xi inċident gravi u nidħlu f'inkwiet bla bżonn.

66.3.11.4 Fisser kif minn dak li jidher, dan il-*party* huwa diffiċli ħafna biex isir hemmhekk, u għandna nirrispondu li bħala Kunsill Lokali ma naqblux li jsir dan it-tip ta' *party*.

66.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-kontijiet pendenti li hemm bejn WasteServ Malta Ltd u l-Kunsill Lokali, liema kontijiet qegħdin dejjem jidhru fil-*Management Letter*.

66.3.12.1 Qal li tkellimna mal-kumpanija u issa se nkunu qegħdin nagħmlu xi xhur ma nħallsux minħabba li suppost għandna nirċievu madwar €6,000 mingħandhom, u allura ma nħallsux sakemm dak l-ammont jiġi €0 u nibdew inħallsu wara.

## 66.4 <u>TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

66.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar tappiera tad-drenaġġ li hemm fi Triq Filippu Gutenberg k/ma' Triq il-Konvoj 1942 u qal li din qiegħda ta' periklu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

66.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li jidher li fil-preżent għaddejja komunikazzjoni bejn Transport Malta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jirrisolvu din is-sitwazzjoni.

66.4.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar sprall misruq fi Triq Ħaġar Qim u qal li din mhux l-ewwel darba li ġrat.

66.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li diġa' tkellimna ma' min ħadmilna l-ispralli qabel u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li ġaladarba din tkun lesta, din tiġi iwweldjatha.

66.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq il-Panorama u staqsa jekk huwiex possibbli li f'din it-triq isiru l-*ispeed calmers*.

66.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li forsi aktar minn *speed calmers*, għandha ssir aktar sorveljanza mill-pulizija.

66.4.3.2 Il-Viċi Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba jsiru *speed calmers* dawn iridu jiġu għoljin għax inkella jkunu saru għalxejn.

66.4.3.3 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li fuq iż-żona magħrufa bħala l-'Ħnejja' wkoll hemm periklu kbir, fejn wieħed ma jistax jimxi sew minħabba d-djuq tat-triq.

66.4.3.4 Is-Sindku wieġeb li f'dik iż-żona, l-unika soluzzjoni hi li titwessa' t-triq, xi ħaġa li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali.

66.4.4 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk huwiex possibbli li Triq Wied iż-Żurrieq nibdew naħsbu biex nagħtuha t-tarmak.

66.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li din it-triq hija twila wisq biex issir mill-fondi tal-Kunsill Lokali, imma nistgħu nibdew nagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex jagħmilha hu.

66.4.5 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar sessjonijiet ta' Zumba u/jew Pilates li jista' jorganizza l-Kunsill Lokali.

66.4.5.1 Qalet li hija lesta li ġġib il-kwotazzjonijiet sabiex naraw ma' min ikun jaqblilna naħdmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

66.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li għalkemm bħala idea hija tajba, irridu naraw fejn se jsiru dawn is-sessjonijiet, kemm se jiġu jiswew u min se jieħu responsabilità ta' din l-inizjattiva qabel niddeċiedu.

66.4.6 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar ir-rotta 72 u qalet li hemm diversi persuni li qegħdin igergru b'mod speċjali minħabba r-rotot ta' filgħaxija.

66.4.6.1 L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Yanika Ciappara kompliet mal-Kunsilliera Sant Mifsud u qalet li kważi kuljum ikun hemm rotta li tinqabeż.

66.4.6.2 Il-Viċi Sindku kkorrabora dak li qalu ta' qablu u qal li anke lilu qegħdin jaslulu l-ilmenti dwar dan, b'mod speċjali fil-ħinijiet ta' filgħaxija.

66.4.6.3 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin inkellmu lill-Awtorità Maltija għat-Trasport biex naraw x'qiegħed jiġri.

66.4.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar serje ta' bozoz fi Triq Ħaġar Qim u qal li kien hemm min staqsih jekk tistax issir waħda ġdida.

66.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali konna diġa' pruvajna napplikaw għal bozza ġdida f'dik it-triq, imma rridu nħaffru trinka sabiex is-servizzi jgħaddu minn taħt l-art, u dan qiegħed jagħmilha diffiċli biex issir din il-bozza.

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia telaq fis-7pm minħabba impenji oħra.*

## 66.5 RAPPORTI

66.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2017 saret it-tnedija tal-websajt uffiċjali tal-Kunsill Lokali u li għaliha

kien hemm preżenti s-Sindku, l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Segretarju Rżekuttiv u hu nnifsu.

66.5.1.1 Qal li l-Kunsill Lokali rregala il-ktieb tal-lokalità *"Qrendi, its people and their heritage"* lill-istudent Kevin Borg li bena din il-websajt, kif ukoll ingħata €50 vawċer li jissarraf f'ħanut tal-kompjuters bħala ringrazzjament għax-xogħol li għamel.

66.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ħarġa li jmiss tal-Kunsill Lokali, li se tkun ħarġa għal Għawdex, u qal li d-dati li fihom se tkun miftuħa l-attrazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem, mhux se jkunu daqshekk ideali sabiex il-ħarġa tal-Kunsill Lokali tkun tinkludi din l-attrazzjoni.

66.5.2.1 Qal li jekk kemm-il darba ma nżurux Bethlehem f'Għajnsielem, nistgħu mmorru jew l-Erbgħa 27 jew il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 2017.

66.5.2.2 Spjega li issa se jkun qiegħed jiċċekkja fejn nistgħu nżuru u d-data tkun finalizzata fil-jiem li ġejjin.

## 66.11 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

66.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €23,884.84 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/17 u €94.01 skont il-*Petty Cash* Ref U/10.

66.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

66.11.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

66.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 66.12 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

66.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |